newsbook.com.mt

LOKALI

# Ċerimonja ta' tqassim ta' ċertifikati lill-benefiċarji tal-EUPA

*Jesmar Baldacchino - 31/07/15 03:36 PM*




Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Ian Borg attenda għaċ-Cerimonja ta' għoti ta' ċertifikati organizzata mill-EUPA, li hija l-aġenzija li tagħti sapport lill-individwi Maltin u entitajiet oħra li jagħmlu użu mill-fondi taħt diversi programmi edukattivi li jiġu pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea.

Din iċ-ċerimonja saret fil-Ġnien ta' Hastings fil-Belt Valletta.

Ian Borg qal li dan il-programm ta' 7 snin għandu baġit komplessiv ta' €14.7 biljun bejn il-pajjiżi.

Qal li Malta s tkun qed tibbenifika minn madwar €5 miljun li minnhom se jibbenefikaw mas-57 benefiċarju.

Qal li l-Erasmus+ hu programm li jipprovdi opportunitijiet lil fuq minn 4 miljun Ewropew biex jistudjaw, jitħarrġu, jiggwadanjaw l-esperjenza ta' xogħol u jagħmlu xi xogħol volontarju barra mill-pajjiż.

Ritratt: DOI - Reuben Piscopo